Box Full

TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 143

KAZ NRU 197

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Celine Farrugia

u

Messrs Medcomms Limited

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 23 ta' Mejju, 1983

Chairman: G.A. Craig

B'ittra tal-21 ta' Mejju, 1982, il-Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali irrefera lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28(2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm hames seduti li fihom ghall-appellant deher is-Sur R A Matrenza, D.Pol.Econ.(Oxon),F.R. Econ.S., filwaqt li ghal kumpanija Medcomms Limited deher is-Sur Jeffrey Poulton, wiehed mid-Diretturi ta' l-istess kumpanija.

3. Statements of Case

Ghall-appellant is-Sur R A Matrenza issottometta li Celine Farrugia kienet dahlet tahdem mal-kumpanija f'Settembru ta' 1980 u fi Frar ta' 1982, il-Principal itterminala l-impieg hesrem. Esebixxa kopja ta' ittra li nkitbet lill-Ministru tax-Xoghol fit-28 ta' April, 1982 (Dok 1A) u kopja ta' ittra tat-23 ta' Frar, 1982 li hija l-ittra tat-tkeccija, (Dok 1B).

Qal li kien hemm tentativi biex din il-kwistjoni tirranga amikevolment izda l-Principal ma riedx. Sostna li l-vera raguni tat-tkeccija kienet li l-Principal ma riedx jimxi skond il-ligi skond l-emendi li saru fil-Att Nru XI (CERA) ta' 1952 dwar "il-Maternity Leave" u l-hlas tal-paga matul iz-zmien dan il-leave. Tant hu hekk li f'Jannar, 1981 meta ghaddiet il-ligi tal-maternita f'konversazzjoni ma Mr Jeffrey Poulton

.../2

dan qalla "Ara jekk tkun hekk dabbar rasek" u billi minhabba n-"natura tax-xoghol li kienet taghmel mal-Principal u anki minhabba l-istess provvedimenti tal-Ligi, hija ma tistax titlob li tinghata l-impieg lura, hi qiegheda titlob illi tinghata kumpens finanzjarju adekwat illi mhux biss irid jaghmel tajjeb ghan-nuqqas ta' dhul ta' flus li tilfet minhabba t-tkeccija ngusta, izda ta' flus bhala danni socjali u psikologici illi persuna fil-pozizzjoni bhalma kienet hi sofriet bir-rizultat tax-shock, ta' tensjonijiet kawzati minn pressjoni psikologika u finanzjarja u li setghu gabu konsegwenzi koroh fuq l-omm, fuq it-tarbija li kienet ghad trid titwieled u bejn il-mara u zewga" u barra dan fuq kalkolu ta' hmistax il-xahar minghajr xoghol jilhqu is-somma ta' £2673.

Ghal-Kumpanija is-Sur Jeffrey Poulton issottometta li l-appellant kienet skrivana mal-kumpanija u meta sfat tqila, il-Managing Director staqsiha x'kienu l-intenzjonijiet tahha hi wiegbet li hi kienet intenzjonata tibqa sakemm tista u mbaghad ittemm l-impieg taghha u meta kompla staqsieha sa liema data kienet bi hsieba tibqa halli hu ikun jista jahseb biex jipprovdi rinpjazzament hi kienet wegbithu li kienet ser tibqa sa l-ahhar ta' Jannar jew bidu ta' Frar. Dan kienet ikkonfermatu izjed tard matul is-sena u kien accettat minn kullhadd. Meta fit-23 ta' Frar, 1982 ta lill-appellant ittra li fiha kien informaha li l-ahhar gurnata tax-xoghol taghha kella tkun is-26 ta' Frar, minnufieh taghtu ittra fejn applikat ghal "maternity leave".

4. Ghall-appellant instemghu dawn ix-xhieda:
L-appellant Celine Farrugia, A Desira, Pauline Fenech, Jeffrey Poulton u R Gaglione, waqt li ghall-kumpanija nstemghu: Veronica Briffa u ~~Monica~~ Maria Poulton.

5. <u>Xhieda fil-Qosor</u>

Celine Farrugia minn jeddha qalet li hi kienet giet impjegata mal-kumpanija f'Settembru, 1980 bhala segretarja meta kienet ga mizzewga u kien ga kella tifla u ftakret li wara xi zmien meta id-Direttur, Mr Poulton kien qed jaqra il-gazzetta fuq il-"maternity leave" qalla "ara jekk tkun hekk dabbar rasek tafx" li b'dan fehmet li jkolla titlaq, izda meta izjed tard kien qalla biex tiehu hsieb il-kotba tal-kumpanija

.../3

hi qaltlu "I might have to leave abruptly biex speci ma nhallihx malajr pero ma kontx definittiva ...... stajt forsi ghidtlu li mhabba xi haga li kont ghaddejja minna, mhabba sahti, li forsi kont se nkun tqila u kien ikolli noqghod fis-sodda l-hin kollu hux! Ma nafx" izda cahdet li xi darba tatu indikazzjoni cara li hi kienet sejra thalli l-impieg u inqas qatt ma qaltlu li kien ser ikolla tarbija pero kienet minghaliha darba qalet lid-direttur l-iehor Mr Gaglione. F'nofs Frar kella tmur l-isptar ghax kella ugieh kbir. Cahdet li hi qatt ghamlet 'request' biex titlaq u li hi qatt qalet lid-Direttur li hi riedet tibqa tahdem sal bidu ta' Frar 1982 u li kienet qalet li taghti 'hand over' lil min kien ser jissotitwiha f'nofs Frar. Meta pero waslitila l-ittra tat-23 ta' Frar, 1982 ziedet tghid hekk "I was shocked hux. Ippruvajt infehmu li jiena kont ghidtlu li ser nibqa f'Jannar ...... meta tani l-ittra, jiena ghidtlu li ser nibqa ...... u (Mr Poulton) qalli "jafu li ser tibqa minbarra jien ...... if you remenber correctly kont ghidtli li ser titlaq" u hi rrisponditu "I was not defenite" u meta darb'ohra (Mr Poulton) staqsiha meta ser titlaq hi wiegbet "Jien ma nafx" u meta mitluba risposta cara, wiegbet "Jekk nitlaq, nitlaq fi Frar". Fuq il-konversazzjoni ta' l-ittra ix-xhud qalet li kienet qaltlu f'Jannar li ser tibqa u hu wigibha "Jiena ma niftakarx and I feel that you should leave" u ripetila dan hafna drabi u talbitu igib lil Mr Gaglione u wara li kien qalli li ser jghidlu ghal xi erba darbiet, ma marx jghidlu u qaltlu "I know you feel embarassed ...... it was too early, u xtrajt il-hut fil-bahar, wara ta l-ittra. Hi kienet tkelmet ma Mr Gaglione u qaltlu li tixtieq tibqa tahdem u xtaqithu jghid lil Mr Poulton izda dan ma ghamlux. Wara dak kien hemm tentattiva mill-Labour Office ghal-rekonciljazzjoni darbtejn izda ma rnexxewx.

Fuq kontro ezami - ix-xhud qalet li qatt ma kelmet lil Mr Gaglione direttament "on my troubles" izda tramite l-gharusa tieghu, illum il-mara tieghu, qalet ukoll li dak in-nhar tat-23 ta' Frar, hi qabel harget tat lill Mr Poulton l-ittra datata 23 ta' Frar, 1982 fejn talbet ghal "pregnancy leave" u mistoqsija jekk fil-konversazzjoni kienux dejjem huma t-tnejn biss bhal ma kienet sostniet qabel, qalet li fl-ahhar hames minuti kien hemm Mr Gaglione.

.../4

Is-Sur Anthony Desira qal li iltaqu maz-zewg partijiet u Mr Poulton ma riedtx jiddiskuti fil-prezenza ta' "third parties" u hareg. Kompla jghid li Mrs Farrugia (l-appellant) qaltlu li "f' Ottubru ta' 1981 kienet infurmat lil Mr Poulton that she might be leaving the company u meta Mr Poulton ippressaha ghal data qaltlu li se titlaq f'Jannar 1982" u ziedet tghid "li kienet mas-Sur R Gaglione id-direttur l-iehor tal-kumpanija u qaltlu biex jinforma lill Mr Poulton li kienet bi hsieba tibqa tahdem u li ma kienitx bi hsieba titlaq". Ghall-ahhar ta' Jannar, 1982 cemplet tfajla li skond Mrs Farrugia kienet giet imwieghda ix-xoghol minn Mr Poulton u dan staqsa lill Mrs Farrugia meta kienet se titlaq u hi wigbitu li mhux ser titlaq - dan qal ix-xhud skond ma qaltlu Mrs Farrugia - wara spjega ix-xoghol li jaghmel id-Dipartiment tax-Xoghol f'kazi bhal dawn izda xejn fuq il-meritu tal-kaz.

Mrs Pauline Fenech qalet li hadmet mal-Medcomms Ltd minn Marzu 1982 sa Mejju 1982 u wara regget dahlet tahdem mal-Gvern. Billi kienet tahdem mal-Gvern qabel izzewget fis-6 ta' Dicembru, 1981, f'Novembru bdiet tara biex tiehu l-gratuity u issib post iehor u billi kienet taf lill Mr Poulton kelmitu u accertaha li fi Frar kienet se titlaq is-Segretarja u qalla biex iccempillu f'nofs Frar, u meta ghamlet hekk irrispondita is-segretarja li qaltilha li kienet iddecediet li tibqa. Meta fil-ghaxija kelmet lill Mr Poulton dan qalla li s-segretarja iddecidiet li tibqa izda fl-ahhar gurnata ta' Frar kien cempilla u qalla li kellu post u setghet tibda fl-1 ta' Marzu. Fuq kontro ezami ix-xhud qalet li kienet cemplet hafna drabi in konnessjoni mal-job u mistoqsija xi kliem ezatt kienet qaltilha is-segretarju meta kienet qaltilha li ser tibqa wiegbet "il kliem taghha kien 'I decided to stay on'". Mistoqsija qattx qabel bdiet tahdem jew xi darba qalla xi kliem li jekk tkun pregnant dabbar rasa jew xi haga simili ix-xhud wiegbet fin-negattiv.

Mr Jeffrey Poulton Managing Director tal-kumpanija qal li meta sar jaf li Mrs Farrugia kienet tqila hu kien staqsiha x'kienu l-intenzjonijiet taghha vis-a-vis ix-xoghol u din infurmatu "If my health would permit, sa end of January, begining of February" ...... "and it was left at that", dan hu kien hada bhala statement definit u fil-fatt

dan gie konfermat izjed tard ghall-ahhar zmien tas-sena meta hu kien ghamel arrangament biex tigi tfajla ohra tahdem minnflok Mrs Farrugia u hu kien talaba biex tikkonferma id-data meta kienet ser titlaq u ma kienx hemm tlaqliq (hesitation) ta' xejn fuq id-data meta kienet u dejjem jekk sahhita tippermettila. Dan il-ftehim kien accettat u ma kien hemm hadd li qal li ix-xhud xi darba kecciha izda kienet ser titlaq minn rajha. Fuq l-ittra ta' Mrs Farrugia datata 16 ta' Frar, 1982 u bid-data mibdula minn Mrs Farrugia stess ghat-23 flok 16, (Dok 4), ix-xhud qal li meta hu taha l-ittra bid-data 23 ta' Frar, 1982 (Dok 1B) hi tatu l-ittra datata 16 ta' Frar, u ix-xhud qalla li d-data kella tkun tal-gurnata u hi ikkorregiet id-data u inizjalat il-korrezzjoni quddiem ix-xhud stess fil-fatt wara li x-xhud ta l-ittra tat-23 ta' Frar hi qaltlu "I have to give you this letter" u hu wegiba "Jiddispjacini I can not accept it with the date as it is, especially in view li tajtek ittra with today's date on it. I do not want this letter to appear li kont ircevejta six - seven days after". Escluda li din l-ittra kienet hemm qabel u li hu, kieku kienet hemm ma kienx jaraha u konferma li din l-ittra (Dok 4) raha l-ewwel darba fit-23 ta' Frar, 1982 meta giet mghotija lilu. Qabel il-milied billi it-tfajla li kella tiehu post Mrs Farrugia ma setghetx tibda, ix-xhud kien staqsiha setghetx toqghod izjed ghal xi ghaxar tijiem jew hmistax il-gurnata halli taghtiha 'hand over' u hi wigbitu "If I am well enough to do it". Fuq mistoqsija jekk f'Dicembru jew Jannar fakkarx b'xi mod lill Mrs Farrugia bit-tmiem ta' l-impieg taghha, ix-xhud wiegeb li le ma deherlux li kien hemm bzonn, u Mrs Farrugia inqas qaltlu "I am leaving" jew "I changed my mind".

<u>Mr R Gaglione</u> Direttur u electronic technician. Mistoqsi x'kienu ic-cirkostanzi li Mrs Farrugia ma baqghatx impjegata mal-Kumpanija ix-xhud wiegeb "Kif nafa jien! Kienet pregnant u she chose to terminate her employment". Mill-konversazzjoni informali ma Mrs Farrugia sar jaf li hi kienet tqila u kienet ser thalli l-post, sar jaf li kella xi "worries" kienet imhassba ghax kella titlaq il-post "to look after her child" u fl-istess hin kella bzonn il-flus u minghajr l-impieg kien dwejjaq izda f'daqqa wahda biddlet l-idea u qaltlu li ddecediet tibqa fil-post - dan kien ghal habta ta' nofs Jannar, pero bdiet issiba difficili li tghid lil Mr Poulton u staqsiet lix-xhud biex jghidlu hu u

hu accetta izda wara beda jahsiba li kien ikun ahjar kieku tghidlu hi u qalla hekk, izda wegbitu li ma kienx hemm il-htiga ghax kienet kelmitu, dan kien ghal habta ta' Jannar. Ix-xhud spjega li ghalkemm it-tnejn kienu diretturi u kienu jiddiskutu l-andament tan-negozju huma kienu responsabbli ghal zewg branki differenti u hadd ma kien jidhol f'"area" ta' l-iehor, u ghalhekk minkejja li hu f'Jannar ma qabilx ma decizjoni ta' Mr Poulton ma setax jopponi ghax dik ma kienitx l-'area' tieghu. Zied jghid li ovviament kienu id-diskutew ir-'replacement' ta' Mrs Farrugia u sar jaf minghand Mr Poulton li Mrs Farrugia kienet accettat li tghin lil din il-persuna li kella tigi minfloka, dan kien qabel il-milied. Mistoqsi kienx jaf b'dan ir-replacement ix-xhud wiegeb li kien jaf kollox anki kif qallu Mr Poulton li Mrs Farrugia kienet accettat li tghina jekk fisikament tkun tajba bizzejjed li taghmlu dan. Ix-xhud qal li kien ra l-ittra tat-23 ta' Frar, qabel ma Mr Poulton kien tghaliha, dan kien xi gurnata jew tnejn qabel li kien presenti meta din l-ittra inghatat lil Mrs Farrugia, u li kien hemm skambju ta' ittri ghax Mrs Farrugia tghat lil Mr Poulton ittra fejn talbet il-'maternity leave', ftakar li kien hemm tibdil tad-data. Fuq kontro ezami ix-xhud qal li Mrs Farrugia kienet biddlet il-fehma, u li Mrs Farrugia kienet qaltlu li ma kienx hemm ghalfejn tghid xejn lil Mr Poulton ghax qaltlu li rata hi.

<u>Miss Veronica Briffa</u> qalet li l-ittra tat-23 ta' Frar, kienet it-tajpjata hi ghas-Sur Poulton.

<u>Mrs ~~Monica~~ Maria D Poulton</u> qalet li Mr Poulton ma kienx jaf li Mrs Farrugia kienet tqila qabel ma sema minn ghan ix-xhud, ftakret ukoll li Mrs Farrugia kienet qaltilha li peress li omma ma kienitx tiflah ma jkunx possibbli li zzommila iz-zewg titfal u ghalhekk kienet ser titlaq.

<u>Fuq kontro ezami</u> qalet li kienet taf sew lil Mrs Farrugia u darba ghal xi Frar kienet qaltila li kella tibqa tahdem hmistax extra peress li ir-ragel taghha (Mr Poulton) kien talabha biex toqghad sakemm tittrenja lil xi hadd u kienet qaltilha "Mela le ma noqghodlux!" u b'hekk fehmet li mhux ser tibqa tahdem u darb'ohra kienet qaltilha li omma kienet marida u ma setghetx izzommilha t-tarbija izda qalet li skond id-dehra

.../7

taghha kienet li ser taghmel hmistax wara d-data biex tittrenjalu l-ohra li kella tigi.

Sottomissjonijiet Finali

Ghal-appellant is-Sur Richard Matrenza ssottometta li l-pern tal-kaz kien punt car ta' ligi li dahlet b'sehh nit-13 ta' April, 1981 ftit xhur qabel il-kaz tat-tkeccija. Ikkwota bicca mix-xhieda ta' Mr Jeffrey Poulton fejn l-appellant qalet li hi kella intenzjoni tibqa tahdem 'if my health permits'. Dan tah importanza kbira ghax il-post tax-xoghol kien zghir u dan ukoll jikkorrabora s-suggeriment li l-ittra ta' l-appellant tas-16 ta' Frar, 1982 (Dok 4) kienet fl-ufficcju ma karti ohra kif ukoll l-iskantament li Mr Poulton qatt ma kien rega kellem lil Mrs Farrugia dwar is-suggett. Sostna li mix-xhieda ta' Mr Ron Gaglione johrog car li Mrs Farrugia ma kienitx u ma riditx tirrezenja mix-xoghol u li Mrs Farrugia ma naqset imkien u ma marret qatt kontra li tipprovdi l-ligi u ghemez ma dawn is-sottomissjonijiet kopja ta' extracts (Dok 8A) mid-debates tal-Kamra tar-Rapprezentanti tas-seduta Nru 484 tal-25 ta' Marzu, 1981 dwar emendi ghal l-Att Nru XI ta' l-1952, kif ukoll kopja (Dok 8B) ta' Certifikat Mediku.

Ghal-kumpanija, is-Sur J M Poulton issottometta li avviz ta' terminazzjoni ta' l-impieg seta jinghata kemm bil-kliem u kemm bil-kitba u dan Mrs Farrugia izjed milli mxiet skond il-ligi ghax tat avviz tlett xhur, zmien li kien accettat miz-zewg partijiet. Li dan l-avviz kien inghata, jidher car mix-xhieda ta' Miss V Briffa, Mrs M D Poulton, Mr R P Gaglione u Mr Poulton. Fuq kollox Mrs Farrugia kienet accettat - jekk tippermittilha sahhitha biex tibqa tahdem ghal xi zmien extra sakemm tiehu 'hand over' l-impjegata l-gdida - dan johrog mix-xhieda ta' tliet xhieda i.e. Mr u Mrs Poulton u Mr R Gaglione. Sostna li l-ittra tas-16 ta' Frar 1982 (wara mibdula 23 ta' Frar) ma kienitx hlief bicca tattika ga mahsuba "to mislead". Fil-fatt fis-16 ta' Frar hi kienet l-isptar kif deher mic-certifikati ta' l-isptar li esibixxa ix-xhud (Dok 6u7). Dik l-ittra tidher li kienet it-tajpjata fuq typewriter ta' l-ufficju u Mrs Farrugia qatt ma semmita fix-xhieda taghha hlief taht kontro ezami u kella tigi mfakkra minn Mr Poulton (Pagni 26 u 27 tas-seduta tal-11 ta' April). F'opinjoni ta' Mr Poulton din l-ittra kienet intiza biex tintuza ghal xi Tribunal bhal dan, ghax l-

applikazzjoni kienet superflua izda kella skop ulterjuri. Fix-xhieda taghha Mrs Farrugia qalet li ma setghatx tirregistra ghax-xoghol ghax hadet il-"Government Grant". Jekk hi riedet tibqa tahdem l-ghala hadet il-Grant? staqsa Mr Poulton - jew ghax kienet tèlqet hi?

Kienet din ir-raguni li staqsiet ghac-certifikat ta' temm ta' mpieg f'Jannar 1983? Dan ic-certifikat inghata meta kien mitlub. Mr Poulton qal li mhux veru li t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' Mrs Farrugia kienet mhabba il-Maternity Leave, din tohrog car mill fatt li l-impjegata li sostitwiet lill Mrs Farrugia kienet mizzewga friska u bhal mizzewgin kolla setghet tohrog tqila. L-ittra tat-23 ta' Frar 1982 ma kienitx ittra ta' tkeccija ghax din ma kienitx mehtiega ghax hi kienet telqet minn rajha. L-espressjoni "dabbar rasek" li giet allegat li intuzat f'Jannar 1981 erba xhur qabel ma l-ligi giet emendata, ma harget mill-ebda xhieda anzi meta (pagna 29 tax-xhieda tal-11 ta' April 1983) Mrs Farrugia qalet li din l-espressjoni regghet intqalet quddiem l-ufficjal tal-Labour Office, l-ghala ma talbitx konferma waqt ix-xhieda ta' dan l-ufficjal - staqsa Mr Poulton. Sostna li l-ebda employer ma jista jimmaniggja jekk l-impjegati jibdlu hsiebhom wara li jkunu qali li f'data ser jitilqu. F'dan il-kaz ma kien hemm ebda tkeccija wisq inqas tkeccija ngusta.

<u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>

It-Tribunal jiehu dejjem in konsiderazzjoni dak li jirrizulta mil-provi u dak li jisma fuq il-meritu tal-kaz, ikollu ukoll jizen ix-xhieda kollha u jittraskura dak li fil-fehma tat-Tribunal mhux attendibbli. Dan ma kienx kaz facili xejn ghax ix-xhieda kienu ftit u skarsi fuq il-meritu tal-kaz u ghalhekk it-Tribunal kellu tabilfors jidhol bir-reqqa x'intqal min kull xhud u jgharbel sewwa dak li ntqal. Fuq kollox il-kaz ghall-appellant gie bazat fuq allegazzjoni li l-appellant giet imkeccija "<u>biss</u> biex ma jhallasx beneficcji tal-maternita". Dan intqal kemm fl-ittra lill Onor. Ministru tax-Xoghol datata 28 ta' April, 1982 kemm fis-sottomissjonijiet preliminarji u anki finali fejn f'dan ta' l-ahhar gie sostnut li 'il-pern tal-kaz huwa punt car ta' ligi li dahlet fil-pajjiz xi ftit xhur biss qabel dan il-kaz ta' tkeccija". Min-naha l-ohra il-kumpanija sostniet dejjem li dan ma kienx kaz ta' tkeccija izda ta' terminazzjoni volontarja ta' l-appellant.

Fl-ittra lill-Ministru tax-Xoghol tat-28 ta' April, 1982, l-appellant qallu hekk "Madwar Ottubru, 1981 kelli xi problemi dwar dak li jien sejjahtielhom "female troubles" u kont tarraft xi haga fuq fuq ma l-employer tieghi. Matul ix-xhar ta' wara (Novembru 1981) la jien ma semmejt xejn u l-anqas l-employer tieghi. Sadattant, madankollu, kien evidenti li jien kien se jkolli tarbija. Qatt ma sar kliem li jiena ma kontx ser nibqa nahdem". Fix-xhieda ta' l-appellant (Page 7 tat-transcript tas-seduta tal-11 ta' April, 1983) qalet hekk "qalli biex niehu hsieb il-kotba tal-kumpanija jiena ghidtlu 'I might have to leave abruptly' biex speci ma nhallihx malajr pero ma kóntx definittiva" u wara kompliet "Stajt forsi ghidtlu li mhabba xi haga li kont ghaddejja minnu, mhabba sahti, li forsi kont se nkun tqila u kien ikolli bzonn noqghod fis-sodda l-hin kollu hux; Ma nafx" - Mr Poulton fix-xhieda tieghu qal li meta sar jaf li Mrs Farrugia kienet tqila staqsiha x'kienu l-intenzjonijiet taghha vis-a-vis l-impieg u hi wigbitu "'If my health would permit' sa end of January begining of February". Li Mrs Farrugia kienet qalet li set titlaq hareg ukoll minn xhieda ohra u ma jiħhirx li hemm dubbju ta' xejn, hareg ukoll li hi kienet lesta biex toqghod, jekk sahhita tippermettila ghal xi ftit biex taghti 'hand over' lil min kien ser jissostitwiha. It-Tribunal inqas isib ix-xhieda ta' Mrs Farrugia konsistenti meta qalet li Mr Gaglione ma kienx hemm fid-diskursata fuq l-ittra tat-23 ta' Frar, 1982, qalet li hi bdiet tinsisti li jigi Mr Gaglione u fl-ahhar gie ghal erba jew hames minuti - anke hawn ma qabilx max-xhieda ta' Mr Ron Gaglione u anki l-affari ta' l-ittra tas-16 ta' Frar (wara korretta ghat-23), it-tesi ta' l-appellant ma tistax tigi accettata, wahda ghax fis-16 ta' Frar, Mrs Farrugia kienet l-isptar u ma setghatx tiktiba u l-ohra ghax ma setghax Mr Poulton li kien jara l-korrispondenza kolla kuljum li tizloqlu propju din l-ittra li tidher li kienet lesta ghal meta jkun hemm bzonna. Il-fatt li Mrs Farrugia kienet ser titlaq giet ukoll korraborata minn xhieda ohra bhal Mr Gaglione li mistoqsi jekk kienx jaf li Mrs Farrugia ser titlaq wiegeb "oh yes, from many different sources". Fil-fatt Mr Gaglione qal li kien hemm "a change of mind" u qalet lilu biex jghid lil Mr Poulton u dan Mr Gaglione ma ghamlux. Inghad fix-xhieda ta' Mrs Farrugia li waqt li Mr Poulton kien qed jaqra (f'Jannar 1981) fuq il-gazzetta dwar l-introduzzjoni tal-"maternity leave", Mr Poulton qalla "ara jekk tkun hekk dabbar rasek tafx!". Apparti li Mr Poulton cahad li qal hekk.

Mela it-Tribunal kellu jara jemminx lil Mrs Farrugia jew lill Mr Poulton. Dak iz-zmien Mrs Farrugia ma kienitx ghada pregnant ghax ~~k~~ kien ~~kien~~ Jannar, u ga kella tifla mdaqqsa, apparti li ma kien hemm ebda raguni li jghidilha hekk, Mr Poulton is-sottwixxa lil Mrs Farrugia b'wahda mizzewga ghada gejja mill-Honey-moon u kien jafu dan u ma qalla xejn minn dan u ghalhekk f'ghajnejn it-Tribunal izjed ghanda forza ix-xhieda ta' Mr Poulton milli ta' l-appellant.

It-Tribunal ukoll ma jistghax jifhem ir-raguni li l-appellant staqsa lill Mr Gaglione biex jghid lill Mr Poulton li hi "has changed her mind". Din kella id-dritt kollu li tghidlu li ghaliex kienet 'in time' u ma setghax jghidilha li ma kelliex dritt tibqa - kullhadd jista jerga jibdielu basta jkun dan fit-terminu li tistabbilixxi l-ligi izda li dan ma sarx ghax Mr Gaglione hass li ma kellux jindahal. Mill kumpless tax-xhieda jidher li kullhadd kien ser jistenna li l-appellant titlaq fi Frar u kien staqsiha kmieni Mr Poulton ghar-raguni li l-Management ikun irid jaghmel l-arrangamenti tieghu u hekk ghandu jkun. Issa ghalkemm l-appellant qalet li l-ewwel qaltlu "I might have to leave abruptly" u fix-xhieda tghid "I was not definite", lilu sgur taghtu x'jifhem li ser titlaq, qatt ma jidher li qaltlu li "definitely" ser tibqa. Issa hawn f'nifs wiehed tax-xhieda, l-appellant pogga it-Tribunal f'posizzjoni imbarazzanti ghaliex f'pagna 14 tax-xhieda tal-ll ta' April, 1983 mistoqsija "x'kienet ir-reazzjoni tieghek fuqa? (referenza ghall-ittra tat-23 ta' Frar, 1982) Mrs Farrugia wieghet "Ippruvajt infehmu li jiena kont ghidtlu li ser nibqa f'Jannar".

- Lil Min?
- Lil Mr Poulton, ghax Mr Poulton tahieli.
- Meta ppruvajt tfihmu? Dak in-nhar stess?
- Meta tani l-ittra, li jiena ghidtlu li se nibqa."

Kieku qaltlu f'Jannar li biddlet hsieba u li ser tibqa, il-Principal ma seta' jassumi qatt li ser titlaq ghaliex sintendi li biddlet il-hsieb f'hin li tghatiha l-ligi izda jekk qaltlu li ser tibqa fit-23 ta' Frar, ma kelliex dritt li tbiddel il-hsieb. Liema data kienet - f'Jannar jew fi Frar? F'Jannar kienet qalet lil Mr Gaglione biex jghidlu hu lil Mr Poulton u ghallura it-Tribunal ghandu x'jahseb li

ma kienx f'Jannar, izda fit-23 ta' Frar, 1982 meta tagha l-ittra u ghalhekk ma setghetx skond il-ligi taghmlu dan.

It-Tribunal mela kellu jara sew - u dan ma kienx facli xejn - jekk dan hux kaz ta' tkeccija jew rizinja. Il-fatt li hareg mix-xhieda li l-appellant kienet accettat li tghin lis-sostituta taghha u li hadet il-Government Grant, jaghti x'jifhem li l-appellant accettat is-sitwazzjoni wara l-ittra tat-23 ta' Frar, 1982. It-tezi ta' l-appellant li din kienet kwistjoni biss li l-Principal ma riedtx jhallas il-leave tal-maternita ma gietx pruvata u kienet difficili li tip-provaha. Fis-sottomessjoni finali ta' l-appellant giet kwotata bicca mix-xhieda ta' Mr Poulton (seduta 18 ta' April, 1983 pagna 4 tat-transcript ufficjali) izda thalliet barra sentenza mportanti i.e. dik ta' wara 'If my health should permit sa end of January, begining of February', li tfisser jekk sahti tippermetti nibqa sa Jannar jew il-bidu ta' Frar.

AWARD

Ghal dawn ir-ragunijiet u l-aspetti kollha tal-kaz, it-Tribunal fil-fehma tieghu ma jsibx li dan kien kaz ta' tkeccija u ghalhekk, salv id-dritt li l-appellant jagixxi quddiem il-Qorti kompetenti (jekk ikun il-kaz) it-Tribunal jiddeciedi li ma ghandux kompetenza li jaqta' l-mertu kif kontenut fit-talba ta' l-istess appellant.

G. ~~A.~~ CRAIG
Chairman

A. BARTOLO PARNIS
Segretarju

Data: 23 ta' Mejju, 1983

ja